# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 30 ta’ Jannar 2018**

**Kawza Numru : 28**
**Rikors Guramentat Numru : 293/2017/LSO**

**Stephanie Falzon (I.D. no. 575782M) kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha, Robert P. Sammut (Id. no. 789349M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Stephanie Falzon, kif rapprezentata lokalment mill-mandatarju specjali taghha, Robert P. Sammut (Id. no. 789349M) datat 4 ta’ April 2017 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Robert P. Sammut, detentur tal-karta tal-identita' 789349M, bhala mandatarju specjali ta' Stephanie Falzon, iddikjara illi :

Illi r-rikorrenti, li tigi t-tifla tal-mandatarju specjali esponenti, hija mwielda Stephanie Sammut skont ic-certifikat tat-twelid (numru ta' referenza 61147; numru ta' skrizzjoni 5757 tal-1982) hawn anness bhala Dok. A;

Illi r-rikorrenti zzewget fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru 2011 lil David Falzon skont ic-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. B li permezz tieghu hija adottat il-kunjom ta' zewgha u ghalhekk kunjomha gie mibdul minn Sammut ghal Falzon;

Illi r-rikorrenti talbet id-divorzju minn zewgha, liema talba intlaqghet permezz ta' digriet mahrug mill-*Edinburgh Sheriff Court* gewwa l-Iskozja fil-hdax (11) ta' Gunju 2015, (Numru tar-refernza F585/15) kif jirrizulta minn Dok. C anness;

Illi *ai fini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-gurisdizzjoni u rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilta' tal-genituri, inhareg certifikat skont l-Artikolu 39 tal-istess Regolament

sabiex dan id-divorzju gewwa l-Iskozja jkun jista' jigi infurzat hawn Malta (kopja annessa bhala Dok. D);

Illi ghal kull buon fini tal-ligi, dan id-divorzju gie debitatment registrat hawn Malta mid-Direttur intimat, izda l-attrici baqghet imnizzla bil-kunjom taz-zwieg taghha, cioe' bhala Stephanie Falzon;

Illi wara d-digriet ta' divorzju hawn imsemmi, fid-disgha (9) ta' Frar 2017, l-attrici ghamlet ukoll dikjarazzjoni tal-bdil tal-kunjom *(Statutory Declaration in respect of change of Name or Surname)* quddiem il-Qorti Skocciza sabiex tbiddel kunjomha minn Falzon ghal Sammut, sabiex minn dik id-data 'l quddiem, hija tkun maghrufa bhala Stephanie Sammut, kopja annessa bhala Dok. E;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lid-Direttur intimat sabiex:

1 Jeffettwa l-bdil ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Falzon" ghal "Sammut" fl-atti u/jew registri rilevanti tal-hajja civili tar-rikorrenti, b'mod partikolari l-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv 2572/2011 mahrug mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku fis-26 ta' Novembru 2011, biex b'hekk ir-rikorrenti terga' tiehu kunjomha xebba; u

2. Dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti sussegwenti ghad-divorzju taghha li gie ddikjarat mill-*Edinburgh Sheriff Court* fil-hdax (11) ta' Gunju 2015.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta’ Awwissu 2017 (fol 24) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh u dan abbazi tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk l-attrici tiddikjara taht liema dispozizzjoni tal-ligi qed tibbaza l-proceduri istanti, salv pero' illi l-esponenti tirriserva d-dritt taghha illi jekk ikun il-kaz tkun f’ pozizzjoni li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Illi in vena preliminari wkoll, mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur jidher li hemm nieqes l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex Robert P. Sammut ikun jista' jagixxi bhala l-mandatarju specjali tal-attrici. Ghaldaqstant, l-esponenti

hija tal-umli fehma illi ghall-integrita' tal-gudizzju tali awtorizzazzjoni ghandha tigi pprezentata;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

5. Illi l-esponenti umilment tirrileva li mill-Att taz-Zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2572 tas-sena 2011, b'mod specifiku mill-addenda tal-istess Att, liema Att jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', jidher illi l-annotazzjoni li tnizzlet mill-konvenut saret abbazi tad-digriet ta' divorzju mahrug minn *Edinburgh Sheriff Court*. Kif jidher mill-imnizzel illi l-attrici rrevertiet ghal kunjom xbubitha u ghaldaqstant il-konvenut ma setax inizzel tali bidla minghajr awtorizzazzjoni;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li ma ssibx oggezzjoni ghat-talbiet attrici. Ghaldaqstant f' tali cirkostanza ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 5 ta' Dicembru 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat u Dr Paul Micallef Grimaud ghar-rikorrenti prezenti, li ddikjaraw li l-provi maghluqa u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differtia ghas-sentenza ghat-30 ta' Jannar 2018 fid-:9.30am.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et. sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-3 ta' Lulju 2017(fol 22) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi t-tieni eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata, billi gie pprecizat fin-nota tar-rikorrenti a fol 28 tal-process, li t-talba odjerna hija msejsa fuq l-artikolu 253 (1) tal-Kap 16, ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

It-tielet eccezzjoni hija wkoll sorvolata, billi giet esebita l-awtorizzazzjoni sabiex Robert P. Sammut jagixxi bhala mandatarju ghar-rikorrenti, ossija kopja awtentika tal-prokura (fol 50) kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni.

Illi r-rikorrenti qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha *stante* li ottjeniet divorzju f'pajjiz esteru, ossija fl-Iskozja Dok C (fol 4). Jirrizulta li inhareg certifikat *ai fini* tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 dwar il-Gursdizzjoni u Rikonoxximent u l-Infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilita` tal-genituri sabiex id-divorzju jigi enforzat f'Malta, hekk kif jidher minn Dok D (fol 5-6), li hu certifikat skont l-artikolu 39 tar- Regolament iccitat. Inoltre`, ir-rikorrenti esebixxiet dikjarazzjoni tal-bdil tal-kunjom li saret quddiem il-Qorti Skocciza, Dok E (fol 7), sabiex tkun maghrufa bhala Stephanie Sammut u mhux aktar bhala Stephanie Falzon.

**Ir-rikorrenti** xehdet permezz ta' affidavit (fol 29) fejn ikkonfermat li twieldet f'Malta fit-18 ta' Ottubru 1982, kif jidher mill-att tat-twelid anness, u li zzewget lil David Falzon fis-26 ta' Novembru 2011 f'Malta. Spjegat, li hi sussegwentement ottjeniet divorzju fl-Iskozja, li gie registrat u rikonoxxut f'Malta kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg esebit a fol 14 li gie debitament annotat bir-referenza ghad-divorzju ottjenuta.

**Robert P. Sammut** u **Maria Sammut** xehdu permezz ta' affidavit (fol 36) u kkonfermaw li huma l-genituri tar-

rikorrenti, u li binthom adottat il-kunjom ta' David Falzon, ir-ragel li zzewget fl-2011. Qalu li sussegwentement binthom ottjeniet divorzju mill-Qorti kompetenti fl-Iskozja, liema divorzju gie registrat u rikonoxxut f'Malta, konsegwentement hi trid tirreverti ghal kunjom xbubitha li hu Sammut.

Ikkunsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 66L (4) (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-mara tista' terga' lura ghal kunjom xbubitha wara li tottjeni divorzju skont kif dispost fl-**artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti hadet kunjom ir-ragel malli zzewget, izda ladarba z-zwieg m'ghadux fis-sehh, hi qed titlob li terga' lura ghal kunjom xbubitha.

Ikkonsidrat li t-talba odjerna ghalkemm ma jistax jitqies li sar xi zball fir-registrazzjoni, hija talba sabiex dak li hu essenzjalment rikonoxxut u permess mil-ligi stess jinghata rikonoxximent formali f'kaz ta' mara mizzewga li ottjeniet id-divorzju minn gurisdizzjoni estera.

Ikkunsidrat li l-intimat eccepixxa li ma jsibx oggezzjoni ghat-talba purke' tigi ppruvata u konsegwentement irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba hija gustifikata, u ser tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Izda taqbel mal-intimat li m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tieni talba tar-rikorrenti, din mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ohra tal-istat civili ma gewx deskritti skont kif hemm stabbilit. Ghaldaqstant, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju, jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet kif spjegat, u tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent kif gej:

Tiddisponi mill-ewwel talba billi tilqa' l-istess u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffetwa l-bdil mehtieg fl-att taz-Zwieg Numru 2572/2011, sabiex jigi registrat li l-kunjom tar-rikorrenti gie mibdul ghal "Sammut" wara li ottjeniet id-divorzju taz-zwieg taghha.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Jannar 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar 2018**